MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2005

Appell Civili Numru. 100/2002/1

**Gabriella Fusco**

**vs**

**1. Josephine Micallef u Mary Cassar Mangion bhala eredi tal-mejjet missierhom Crispino Mangion, u**
**2. Rose Mary *sive* Mary Rose Busuttil**

**Il-Qorti,**

Fis-6 ta' Ottubru 2004, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra r- rikors ta' Gabriella Fusco fejn tissottometti b' rispett;

Illi omm ir- rikorrenti, Inez Fusco, l- awtrici tar- rikorrenti kienet tikri lill- Crispino Mangion il- fond 52, Triq Rudolfu, Sliema bil- kera ta’ tmienja u tletin lira Maltija fis- sena (Lm 38) jithallas kull sena bil- quddiem, bl- ewwel skadenza fl- 1 ta’ Jannar 2003.

Illi l- intimati eredi ta’ Crispino Mangion, issullokaw il- fond lill- intimata Mary Rose sive Rose Mary Busuttil, minghajr l- awtorizzazjoni tar- rikorrenti.

Illi inoltre. Jirrizulta lir- rikorrenti li l- intimata Busuttil qed tikri xi kmamar mill- fond ghall- uzu temporanju minn studenti - dan ukoll minghajr l- ebda awtorizzajoni tal- esponenti.

Ghaldaqstant l- esponenti titlob bir- rispett li in vista tal- permss dan il- Bord joghogbu jawtorizzaha tirriprendi l- pussess tal- fond fuq imsemmi, u ghal dan l- iskop jigi ffisat terminu qasir u perentorju biex l- intimati jizgumraw mill- istess skond il- ligi.

Ra r- risposta ta’ Josephine Micallef et fejn tesponi b’ rispett:

1. Illi preliminarjament ir- rikorrenti ghandha tipprova t- titolu taghha fuq il- fond meritu tar- rikors;

2. Illi fil- meritu t- talbiet rikorrenti huma nfondati fil- fatt u fid- diritt stante li m’ huwiex minnu dak li qeghda tallega r- rikorrenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm il- darba jkun il- kaz.

Ra r- risposta ta’ Rose Mary sice Mary Rose Busuttil fejn tesponi b’ rispett:

1. Illi r- rikorrenti trix tipproca t- titolu vantat minnha.

2. Illi l- intimata ghandha kirja valida tal- fond 52 Triq Rodolfu, Sliema.

3. Illi inoltre hi ma tikri ebda parti mill- fond mikri lil terzi.

Salv risposti ulterjuri.

Sema x- xhieda bil- gurament.

Ra l- atti u d- dokumenti kollha.

Ra n- noti ta’ sottomissjonijiet tal- partijiet.

Ra l- verbal tal- 10 ta’ Gunju 2004.

Ra li giet irtirata eccezjoni ulterjuri.

Ikkonsidra,

1. Ir- rikorrent qed tibni t- talba taghha fuq sullokazzjoni maghmula mill- eredi ta’ Crispino Mangion lil intimata Busuttil.

2. Il- Kirja kienet tghajjat lil Crispino Mangion li l- werrieta tieghu huma l- intimati Micallef u Mangion. Fl- 1945 Mangion bil- familja tieghu telaq u marru jghixu floku missieru u ommu. Fl- 1961 marru fil- fond Josephine u Fedele Busuttil flimkien ma’ l- intimata Busuttil, binthom. Krispin Mangion kien bin Emmanuel u Maryanne Mangion. Omm l- intimata Busuttil kienet oht Krispin Mangion. L- intimata fl- affidavit taghha tghid li n- nanniet mietu bejn l-1964 u 1974. Fil- fond baqghu missierha u ommha u kienu jhallsu l- kera lil Krispin Mangion. Meta missier u omm l- intimata Busuttil mietu t- tnejn fl- 1998 hi bdiet thallas il- kera lil zijuwha Krispin Mangion u meta dan miet bdiet thallas lil bintu Josephine Micallef. L- intimata qed thallas il- kera ta’ Lm 60 fis- sena bir- rata ta’ Lm 15 kull tlett xhur bil- quddiem u gieli bir- rata ta’ Lm 30 kull sitt xhur’ (fol 85-96).

3. Il- fond in kwistjoni kien propjeta’ ta’ omm ir- rikorrenti li mietet fis- 16 ta’ Awissu 1997 f’ Ruma u skond testment fl- atti tan- Nutar Victor Bizazza tas- 27 ta’ Awissu 1980 halliet werrieta taghha lir- rikorrenti u l- legittima lil bin bintha ohra. Fid- divizjoni tas- 7 ta’ Awissu 1998 il- fond kollu miss lir- rikorrenti (fol 20-27).

4. Ix- xhud Anthony Guillaimier mar mar- rikorrenti fil- fond biex jaghatiha parir wara li din taghtu n- numru tat- telephone ta' Busuttil. Dwar l- ammont ta' kera r- rikorrenti "kienet irrimarkat li hi ma ticevix daqsekk". (fol 36) Maghhom mar ukoll Francesco Paolo Giuliani. Dan iltaqa' ma Busuttil darb' ohra (Settembru 2002) L- ewwel laqgha saret xi tlett snin qabel.

"So Mrs. Busuttil quite frankly, in both occasions told us she is occupying the house, and paying rent to Mrs. Micallef and that she is paying sixty pounds." (fol 46)

5. Ir- rikorrenti fl- affidavit taghha (fol3) tghid li marret fuq il- post flimkien max- xhieda fuq imsemmioja fit- 23 ta' Settembru 2002 "u sibt li kienet tabita regolarment fih Mary Rose Busuttil" u "Ikkonfermatilna minghajr ebda titubonzi li hi fil- fatt kienet qed thallas Lm 60 fis- sena lil wahda mit- tfal ta' Crispino Mangion". (fol 4)

6. In kontinwazjoni tghid li marret darbtejn u jista' jkun li darba minnhom marret qabel il- mewt ta' ommha. Qabel il- laqgha ta' Settembru "I had called and she answered the phone, I remember this and she said 'Come, come and see the property if you want.' Ommha mietet ta' 97, ommha kellha bhala prokuratur lil Maggur Naudi li ma giex prodott minn xi parti bhala xhud. Taf li Krispin Mangion kien joqghod band' ohra li ilha taf li miet. Wara Dr. Ramon Rossignaud beda jiehu hsieb l- affarjiet. Fuq mistoqsija:

"did you as far as you know, did you ever tell Dr. Rossignaud LL. D. that somebody else was living in the premises and not Krispin Mangion?"

twegiba

"No I did not" (fol 103)

7. L- intimata Micallef taghti d- dettalji msemmija fit- tieni (2) paragrafu ta' din is- sentenza. Missierha miet fl- 1995 (fol 74). Missierha baqa' jhallas il- kera u kien jghid li s- sid, omm ir- rikorrenti kienet taf min kien qed joqghod fil-

fond. Missierha beda jitlef il- memorja imhabba incident li gara fl- 1984 u hi bidiet tieghu hsieb hwejgu. Ma bediex jiftakar fejn kien ihallas il- kera u daarba irceviet ittra minghand l- avukat (fol59) dwar arretrati ta' kera. Dawn gew accettati mill- istess avukat fit- 8 ta' Marzu 1993 (fol 62). Tghid li l- avukat kien jaf li fil- post kien hemm Busuttil. Fl- 1996 baghatet cekk ghal hlas ta' kera li ma ssarafx. In kontroezami tghid li qatt ma kienet prezenti meta missierha kien ikellem lis- sid. Kienet thallas il- kera f' isem il- wirt ta' missierha u lill- avukat taghha darba qaltlu li fil- post kien hemm l- intimata Busuttil. Izda wara tghid fuq mistoqsija ta' l- avukat taghha:

"Jiena ghidtlu li kemm il- kugina u kull tant imur il- papa'." (fol75)

8. L- intiamata Busuttil tghid li lis- sidien ma kienetx tafhom u dejjem hallset lil zijuwha Krispin Mangion. Ir-rikorrenti marret ghandha fl- 1999, qaltilha li kienet is- sid kif ukoll li ma kienetx taf li d- dar kienet 'okkupata'. Ir-rikorrenti kienet interessata li tbiegh id- dar.

9. Ir- rikorrenti esebiet tlett cedoli ta' depozitu

a. 21 ta' Jannar 1997 maghmula f' isem
"Josephine Micallef u Mary Carmen Mangion ghan- nom ta' Rose Mary Busuttil." (fol28)

b. 30 ta' Jannar 1998 fl- istess ismijiet (fol 29)

c. 23 ta' Frar 1999 maghmula f' isem
"Josephine Micallef u Mary Carmen Mangion bhala l-eredi universali tal- mejjet missierhom Crispino Mangion u l- istess Josephine Micallef ghan- nom ta' Mary Rose Busuttil."

10. L- ewwel zewg ittri ufficjali qed isiru mill- intimati Micallef u Mangion f' isem Busuttil kontra l- Avukat Rossignaud f' isem omm ir- rikorrenti. Issa "is-sullokazzjoni a differenza ta' cessjoni ta' drittijiet tohloq kuntratt gdid ta' kera, li ghalieh sid il- kera principali huma totalment estranei, u li huwa nettament distint mill- kuntratt

originali tal- kirja u ghalhekk quddiem sid il- kera is-subinkwilin huwa terza persuna (Darmanin vs Camilleri, App. 28/1/2000; Chircop vs Attard App. 31/1/1966)

11. Bejn Busuttil u Fusco m’ hemm l- ebda rabta. Ghaliex l- intiamti qed jidhru f’ isimha u jiddepositaw tlieta u tmenin lira (Lm 38) meta hi thallashom sittin (Lm60) Dan jghodd ghall- ewwel zewg cedoli. Fit- talbiet, l- intimati Mangion u Micallef qed jidhru bhala eredi universali ta’ missierhom u Micallef qed tidher ukoll ghan- nom ta’ Busuttil. Il- kera hi ta’ tmienja u tletin lira (Lm38). Kif inhuma dawn ic- cedoli jistghu qed jahbu s- sullokazzjoni. Busuttil tghid hi stess li intaqghet ma Fusco fl- 1999 (fol 67).

12. Fin- nota ta’ sottomissjonijiet taghhom l- intimati ammettew li saret sullokazzjoni ghax din bdiet tirrizulta <u>mill- ewwel</u> fil- proceduri. Jargumentaw illi huma

“gabu bizzejed provi …. Li fil- fatt is- sid fuq bazi ta’ probabbilta’ kienet taf bis- sullokazzjoni u accetat dan l-istat ta’ fatt, minn nuqqas taghha stess li tagixxi gudizjarjament fuq periodu ta’ kwazi hamsin sena”

13. Il- Bord ser jissenjala xi gurisprudenza li jidhirlu li hi attenenti

a. “Il- Ligi precizament biex tevita l- kwistjonijiet u suppozizzjonijiet ta’ approvazzjoni u kunsens tacitu, trid li l- kunsens ghas- sullokazzjoni jkun espress. Li kieku l- ligi kienet trid li s- semplici kunsens tal- lokatur ikun bizzejjed, kien kif kien, anki tacitu, ma kienx ikun hemm ghalfejn jinghad li l- kunsens mehtieg kien il- kunsens espress… il-fatt li l- ligi trid il- kunsens espress teskludi l- kunsens tacitu”
(‘Ellul vs Buttigieg’, 12/05/1950, Vol XXXIV A – 1 – 168; ara wkoll ‘Mallia vs Meli’, 08/10/2003, u “Vassallo vs Dimech”, 05/03/2003 – App. Mill- Bord)

b. F’ ‘Beck vs Cassar Demajo’ (Vol XLII – 1 – 66) gie rilevat li “Naturalment dan il- kunsens, ma hemmx bzonn jinvesti ebda forma sagramentali, pero’ espress jehtieg li

jkun, ghad illi prova ta' l- ghoti tighu, meta jigi affermat, jista' jittiehed anke minn cirkostanzi."

c. "Trid issir distinzjoni bejn li wiehed jikkostitwixxi ghall- fatt li wiehed ikun jaf li sehh u li jakkwiriexxi ghall- fatti li setghu kienu indikaturai ta' dak li forsi gara" ('Grech vs Farrugia', App. mill- Bord, 4/4/1997; ara ukoll 'Gauci et vs Farrugia', App. mill- Bord, 17/03/2003)

d. "Biex ikun hemm ratifika tas- sullokazjoni b' mod illi dina tista' taghmel le veci tal- kunsens espress imsemmi fil- ligi…dina trid tirrizulta b' mod car u mhux ekwivoku, ghaliex tinvolvi rinunzja ta' dritt u kwalunkwe rinunzja trid tirrizulta cara b' mod li l- atteggjament tar- rinunzjati ma jistax jigi interpretat mod iehor hlief li huma riedu jirrinunzjaw ghal dan id- dritt. Illi l- ewwel rekwizit biex jista' jkun hemm notifika tas- sullokazzjoni huwa li s- sid ikun jaf biha." ('Castaldi vs Grima", App. Civ. 17/4/1967)

e. "L- accettazzjoni tas- sid tal- fatt tas- sullokazzjoni hija ta' stretta interpretazzjoni." ('Debono vs Ciantar', App. Civ. 22/05/1967, Vol XLI – 1 – 287)

14. Il- Bord ma jistax jaqbel mas- sottomissjoni li tkun kollox "fuq basi ta' probabilita" meta il- gurisprudenza hi ghal kollox differenti. Huwa minnu li l- accettazzjoni tal- kera tfisser rinunzja (ara barra s- sentenzi msemmija fin- nota ta' sottomissjonijiet ta' l- intimati "Mamo pro et noe vs Camilleri', App. Civ. 02/05/1969 u 'Critien et vs Tabone et' 07/12/1972 App. Civ.) imma s- sid irid ikun jaf dak li tassew gara u l- implikazzjonijiet legali. Micallef stess tghid li lill- avukat Rossignaud qaltlu "U jiena ghidtlu li hemm il- kugina u kulltant imur il- papa." Ghaliex semmiet lil missierha? Espressjoni li tfisser hafna. Minn imkien ma jirrizulta direttament jew indiredttament li l- avukat kellu xi mandat biex jamministra il- fond jew biex ibiddel kondizzjonijiet tal- lokazzjoni, jikkreja lokazzjonijiet godda jew jirrikonoxxi inkwilini godda. (ara 'Fenech et vs Mizzi' App. Civ. 2/4/1984) Hemm imgbhad il- kwistjoni tac- cedoli diga msemmija.

15. Huwa minnu li r- rikorrenti jidher li trid tbiegh il- post u anki l- intimata Busuttil kienet taf li l- gar kien lest li “jiehu hsieb(ha)”. L- ahhar kera gie accettat fl- 1995 jigifieri sa meta miet Krispin Mangion. Ma jirrizultax ghaliex wara ma giex accettat. Omm ir- rikorrenti ghada hajja.

Fid- dawl tal- gurisprudenza u tal- provi mressqa l- Bord hu tal- fehema li ma kienx hemm il- kunsens mehtieg ghas- sullokazzjoni (ara “Sant Fournier vs Bezzina Wettinger’, App. Mill- Bord, 10/01/2003) u ghalhekk mhux ser jidhol fuq it- tieni kawzali.

Ghalhekk il- Bord jilqa’ t- talba tar- rikorrenti u jawtorizzha terga tiehu f’ idejha l- fond 52, Triq Rudolfo, Sliema. Ghal ghan ta’ tkeccija jaghti sitt (6) xhur zmien m’ illum. L- ispejjez jithallsu mill- intimati in solidum.”

L-intimati hassewhom aggravati b' din is-sentenza u ghalhekk appellaw minnha. Huma ma jikkontestawx il-fatt tas-sullokazzjoni, migjuba bhala kawzali mis-sid ghar-ripresa tal-pussess tal-fond, imma jsostni illi mill-provi gie demostrat minnhom illi din is-sullokazzjoni sehhet bil-konsapevolezza tas-sid u bl-akkwiexxenza taghha. Huma jikkontendu li kien jispetta lis-sid li turi bi provi cari li l-awtrici taghha ommha ma tatx il-kunsens taghha ghas-sullokazzjoni li sehhet bosta snin qabel u mhux tistrieh fuq l-allegazzjoni li hi ma kienetx taf bis-sullokazzjoni. Jaggungu inoltre illi l-inattivita` jew passivita` assoluta tas-sid, rinfaccjat bic-cirkostanzi rizultanti, turi rinunzja tacita ghall-azzjoni ta' tkeccija fuq dik il-bazi;

Mill-ezami tas-sentenza appellata jirrizulta kjarament illi l-Bord fisser sewwa l-principji legali applikabbli in materja ta' sullokazzjoni. Sostanzjalment, b' replika ta' dawn l-istess principji, qed jigu senjalati s-segwenti:-

(1) Ibda biex "is-sullokazzjoni, a differenza tac-cessjoni tad-drittijiet, tohloq kuntratt gdid ta' kiri, li ghalih sid il-kera principali huwa totalment estraneu u li huwa

nettament distint mill-kuntratt orginarju tal-kirja principali; u ghalhekk, quddiem sid il-kera, is-subinkwilin huwa terza persuna" (**Kollez. Vol. XXXIV P I p 293**);

(2) "Issa jekk l-inkwilin stess bil-fatt li jissulloka jkun qed juri li ma jridx igawdi huwa stess minnu, u jkun cedieh lil haddiehor jispiccaw il-fondament u r-raguni ghaliex is-sid ghandu jkun kostrett ihalli l-fond f' idejn dan l-inkwilin billi jikrih huwa u mhux is-sid. Kien fuq dan ir-rifless li l-ligi f' kaz ta' sullokazzjoni tat lis-sid id-dritt li jiehu lura l-fond fit-terminazzjoni tal-lokazzjoni" - **Kollez. Vol. XLVIII P I p 480**;

(3) Effettivament, dak li l-ligi tipprojbixxi huwa li l-kerrej minghajr il-kunsens espress tas-sid jissulloka l-fond jew icedi l-inkwilinat [Artikolu 9 (a), Kapitolu 69]. Li jfisser li l-kerrej mhux eskluz mill-konsegwenzi legali li jitnisslu mis-sullokazzjoni minghajr il-kunsens tas-sid ghal finijiet tar-ripreza ta' pussess tal-fond taht il-precitat dispost tal-ligi specjali;

(4) Dejjem kif stipulat f' dak id-dispost "dan il-kunsens irid ikun espress, u mhux bizzejjed li jkun tacitu, jew li jigi argomentat mill-atteggjament tas-sid, anke jekk dan ikun univoku fis-sens li huwa kien kuntent b' dak li ghamel il-kerrej" (**Kollez. Vol. XXXIV P I p 168**). "Naturalment dan il-kunsens espress ma hemmx bzonn jirrivesti ebda forma sagramentali; pero 'espress' jehtieg li jkun, ghad illi ghall-prova tal-ghoti tieghu, meta jigi affermat, jista' jittiehed sussidju anki mic-cirkostanzi" (**Kollez. Vol. XLII P I p 66**);

(5) Finalment, hi gurisprudenza pacifika illi "huwa s-sid li jrid jipprova dak li jallega, u cjoe li l-inkwilin bla kunsens tieghu issulloka l-fond u ceda l-kirja tieghu" - "**Concetta Theuma *et* -vs- Dun Gwann Mercieca**", Appell, 21 ta' Marzu 1997;

Precizati dawn il-punti ta' dritt, mhux kontestat mill-appellanti illi sehhet vera u proprja kontrattazzjoni ta' sullokazzjoni. Lanqas ma jidher li huwa disputat minnhom

illi din is-sullokazzjoni, meta saret, giet kontrattata minghajr il-kunsens ta' sid il-fond. Invece, huma jissottomettu illi mill-atteggjament tas-sid *ex post facto* is-sullokazzjoni, kien hemm akkonsentiment jew akkwiexxenza da parti taghha ghas-sullokazzjoni li kienet sehhet bosta snin qabel;

Issa huwa veru illi jekk jigi pprovat li s-sid kien jaf bis-sullokazzjoni "huwa jigi illi rrinunzja ghad-dritt li ma jgeddidx il-kiri minhabba dik is-sullokazzjoni, ghax ma jistax jinvoka, bhala raguni ghat-talba tieghu ghar-ripreza ta' pussess tal-fond, fatt li ghalih huwa jkunu akkwieta ruhu ghal bosta zmien" (**Kollez. Vol. XLV P I p 94**);

Daqstant iehor pero` huwa veru wkoll illi, kif profess, "l-accettazzjoni (tas-sid) hija ta' stretta interpretazzjoni, u dan huwa tant veru fil-kaz in ezami billi l-Artikolu 10 tal-Kapitolu 109 (illum Artikolu 9 tal-Kapitolu 69), li jaghti d-dritt lis-sid li jiehu lura l-fond fit-terminazzjoni tal-lokazzjoni, f' kaz ta' trasferiment ta' l-inkwilinat, jitkellem fuq meta l-inkwilin ikun itrasferixxa "l-kiri minghajr il-kunsens <u>espress</u> ta' sid il-kera. Huwa veru illi gie kemm-il darba deciz illi anke meta jkun hemm il-kunsens tacitu u mhux espress, is-sid jiddekadi minn dan id-dritt, izda l-kliem tal-ligi, li ssemmi l-kunsens espress, jippostula illi dan il-kunsens ghandu jirrizulta car u mhux inekwivoku u minn fatti tant inspjegabbli b' mod iehor, illi l-kunsens tacitu jkun in effetti jekwivali ghal kunsens espress" (**Kollez. Vol. LI P I p 287**);

Ghall-appellanti, il-kunsens huwa mplicitu fil-fatt illi l-intimata Mary Rose Busuttil ilha s-snin tabita fil-fond, li r-rapprezentant tas-sid kien jaf bis-sullokazzjoni u li omm ir-rikorrenti kienet taf li l-kerrej taghha Krispino Mangion ma kienx ghadu jghix fid-dar mikrija. B' konsegwenza huma jadducu illi sid il-fond irrikonixxiet s-sullokazzjoni ezistenti u ghalhekk l-appellata ghandha issa tirrispettaha;

Mill-analisi taghha tal-provi din il-Qorti tista' tghid li ftit issib x' tista' utilment izzid mal-konsiderazzjonijiet tal-Bord. Ir-rikorrenti u ommha qabilha kien jghixu regolarment l-Italja u ghalkemm kellhom rapprezentant taghhom f' Malta dan ma jfisserx illi dan ir-rapprezentant kien ghal korrenti ta' dak li sar. Il-kera dejjem baqghet tithallas mill-kerrej originarju jew minn uliedu ghan-nom tieghu. Ara ricevuta tal-hlas ta' tmien snin arretrati tal-kera a fol. 62. Anke jekk huwa acettat illi omm ir-rikorrenti kienet taf minn qabel il-kawza li l-kerrej Krispino Mangion kien jghix fis-Savoy Hotel b' daqshekk ma jistax jigi leggerment dedott illi hi kienet taf ukoll li dan l-istess kerrej kien issulloka l-fond lil terzi. Ix-xhieda tar-rikorrenti in kontro-ezami hi rilevanti. Dan fejn qalet li ommha ma qaltilhiex min kien qed jokkupa l-fond ghax ma kienetx taf u lanqas kienet taf li kien okkupat minn haddiehor (fol. 102). Hi personalment saret taf bl-okkupazzjoni meta accediet ghall-ewwel darba fil-fond, akkompanjata mix-xhud Francesco Paolo Giuliani (ara xhieda tieghu a fol. 45). Una volta imbaghad kellha din il-prova adegwata minn fomm is-subinkwilin, u li setghet tissodisfa t-talba taghha ghar-ripresa tal-fond, hi aggixxiet;

Dan kollu jgib ghal konsegwenza illi ma gietx stabbilita b' mod determinanti u car illi kien hemm fl-appellata, jew f' ommha qabilha, dik il-konsapevolezza tas-sullokazzjoni li kienet saret, indotta minn xi prezunta akkwiexxenza. Prova din li kienet tinkombi fuq l-appellanti. U la ma kienx hemm din l-akkwiexxenza jew ratifika u adezjoni da parti ta' sid il-fond ma jistax, la logikament u lanqas guridikament, jinghad li kien hemm rinunzja tacita ghall-azzjoni. Jekk hemm bzonn jigi hawn ripetut dak li hu konkordament assodat "rinunzja tacita ghandha tigi interpretata tant restrittivament illi mill-fatti li minnhom dik ir-rinunzja trid tigi dezunta ma tkunx tista' tingibed kongettura ohra hlief il-propozitu evidenti tar-rinunzja. Hemm bzonn li din tirrizulta minn att jew kumpless ta' atti li jissupponu necessarjament fir-rinunzjant l-intenzjoni li huwa jabdika d-dritt tieghu (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 646; "Carmelo Galea -vs- Dottor Albert Camilleri *nomine***", Appell Civili, 18 ta' Marzu 1977). F' dan il-kaz

ma tirrikorrix il-prova ta' xi intenzjoni certa ta' l-appellata jew ta' ommha qabilha li tirrinunzja ghall-azzjoni. Ghaldaqstant, fir-rigward, l-argomenti ta' l-appellanti ma humiex sostenibbli;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, fil-kumpless tac-cirkostanzi din il-Qorti, bhal Bord, tirraviza sullokazzjoni bla kunsens li tattira s-sanzjoni tal-ligi.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell interpost u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-appellanti. Iz-zmien stabbilit mill-Bord ghall-fini ta' zgumbrament jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------